MINUTI

GVERN LOKALI TA' XBIEX

IS-SITT LEĠISLATURA 2008 - 2011

SEDUTA NUMRU 19 - AĠĠORNAMENT

IT-TNEJN 15 TA' FRAR 2010 FIL-5.30 TA' WARA NOFS-IN-NHAR

PREŻENTI

| | |
|---|---|
| ANTOINETTE VASSALLO | SINDKU |
| ANTHONY FARRUGIA | VIĊI SINDKU |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |

TALBA

IS-SINDKU QALET IT-TALBA

## I APPROVAZZJONI TA' MINUTI

i Il-minuti tas-Seduta 18 inkluż l-aġġornament ittieħdu bħala moqrija . Is-Sindku ipproponiet li jiġu approvati l-Minuti tas-Seduta li saret fit-2 ta' Frar 2010. Il-Viċi Sindku ssekonda. Dawn ġew approvati unanimament. Is-Sindku pproponiet ukoll li jiġu approvati l-Minuti tas-Seduta li saret fit-22 ta' Diċembru 2010. Il-Kunsillier F. Roe ssekonda. Dawn ġew approvati unanimament.

ii Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku A. Vassallo u mis-Segretarju Eżekuttiv M.Pisani.

## II APPROVAZZJONI TAL-FINANCIAL STATEMENTS

i Is-Sindku ipproponiet li l-Financial Statements għas-Sena Finanzjarja 2009 – 2010 jiġu approvati. Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti ssekonda. Dawn ġew approvati unanimament.

## III PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

i Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti irrefera għall-proġett tal-Junction u qal li skond l-ispeċifikazzjonijiet il-bankini kellhom isiru bil-madum. Huwa ppreżenta wkoll estratt mid-dokument tal-applikazzjoni ta' dan il-proġett u qal li fejn huwa mmarkat bil-kaxxi jindika li jrid isir bil-madum. Is-Sindku qalet li l-kerbs li qed jirreferi għalihom il-Kunsillier huma dawk li se jintużaw biex jiċċirkondaw is-*soft areas u minflok* lixxi se jkollhom disinn fit-tarf. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hija ma tiftakarx li fl-ispeċifikazzjonijiet kien hemm indikat li dawn iridu jsiru bil-madum. Hija fakkret ukoll li, fil-laqgħat li saru kemm mal-Perit tal-Kunsill kif ukoll ma' rappreżentanti tal-Ministeru, l-Kunsill ġie mitlub li jipprovdi l-konkos u invista ta' dan inħarġet sejħa għall-offerti għal dan il-materjal. Is-Sindku qalet li l-Kunsill qatt ma approva li jsiru bankini bil-madum ħlief fix-Xatt ta' Ta' Xbiex. Hija ħadet l-inkarigu li tiddiskuti din il-materja mal-Perit u tirrapporta dwar dan fis-Seduta li jmiss.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

## III PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI (jkompli ...)

ii Is-Sindku pppreżentat l-istima tal-bankini tat-tielet fażi. Il-Kunsillier E. Muscat qal li Triq Mons A. Mifsud mhix imniżżla fil-lista u hemm fiha l-Konsolat tal-Ġappun u għalhekk hija importanti. Is-Sindku qalet li l-prijorota tal-Kunsill hi li jsiru dawk il-bankini li huma fi stat ħażin ħafna u jekk jibqa' flus isiru oħrajn. Hija qalet ukoll li minn din it-Triq ma jgħaddux nies u għalhekk tista' tistenna.

iii Is-Sindku rreferiet għat-talba tas-Sur Portelli biex il-bozza tat-triq mwaħħla mal-Blk D5 titressaq. Hija nfurmat li din qiegħda mwaħħla mal-ħajt dobblu u għalhekk mhux qiegħda ta' periklu. Hija qalet ukoll li l-unika soluzzjoni hija li din tinżel filata l-isfel dejjem jekk il-Kuntrattur jikkonferma li dan ix-xogħol jista' jsir.

iv Il-Kunsill ġie nfurmat bl-applikazzjoni li saret lil MEPA dwar il-proġett tal-Flood Relief. Is-Sindku pproponiet li l-Kunsill jerġa' jikteb biex jenfasizza li dan l-iżvilupp m'għandux iħalli impatt negattiv fuq l-Lokalita' u r-residenti u li jkun hemm konsultazzjoni mal-Kunsill fejn ikun hemm involut Ta' Xbiex. Il-Kunsill qabel li ma dan.

v Il-Kunsill iddiskuta s-servizz tal-ġbir ta' skart. Is-Sindku nfurmat li l-Green MT se jipprovdu bins tas-separazzjoni ta' l-iskart biex jitpoġġew fix-Xatt. Il-Kunsill qabel li l-flus li kienu allokati biex jinxtraw dawn il-bins jintużaw biex jinxtraw bins ġodda. Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti ġibed l-attenzjoni li l-avviż li nħareġ mill-Kunsill dwar il-ġbir ta' skart ma tqassamx fil-flats. Huwa qal wkoll li l-Green MT qed iqassam boroż ta' l-iskart ta-separazzjoni b'xejn. Is-Sindku ħadet l-inkarigu li tindaga dwar dan. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet l-inkarigu li tindaga dwar dan. Il-Kunsill qabel ukoll li jitneħħew bi prova t-tliet skips ħodor li hawn fil-Lokalita' peress li ħdejhom qed jintefgħu diversi boroż bl-iskart. Il-Kunsill qabel ukoll li ssir sorveljanza mill-gwardjani lokali biex jinqata' dan l-abbuż.

vi Dwar is-servizz tal-knis ġie deċiż li ssir laqgħa mal-Kuntrattur nhar il-Ġimgħa 26 ta' Frar 2010 fis-1.30p.m.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

III PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI (jkompli ...)

vii Is-Sindku pproponiet li l-Estimi Finanzjarji għas-Sena 2010-2011 jiġu approvati. Il-Kunsillier E. Muscat issekonda. Dawn ġew approvati unanimament.

viii Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat rapport dwar il-ġbir ta' skart goff għal-perjodu Jannar – Settembru 2009. Hija nfurmat li dan ġie maħdum mill-iskrivani tal-customer care unit u l-accounts u jiġbor fih it-talbiet li kellna matul il-perjodu msemmi għal dan is-servizz. Il-Kunsill approva li jsir il-pagament ta' €1268.52 lil Kuntrattur M Cassar.

ix Ġiet ippreżentata l-istima biex jingħata t-tarmac fi Triq l-Imradd (quddiem il-Kunsill) u fi Triq G. Mitrovich fejn sar il-manutenzjoni tal-bankini. Il-Kunsill qabel li dawn ix-xogħlijiet isiru mill-Kuntrattur T. Barun.

x Is-Sindku ppreżentat ir-Rapport ta' l-Effiċjenza li ġie ċċirkulat minn qabel lil Kunsillieri.

xi Il-Kunsill iddiskuta r-rapport tal-Kumitat ta' l-Aġġudikazzjoni dwar it-tenders tal-"Proġett tar-Roundabout" u "L-Installazzjoni ta' Photovoltaic Panels". Il-Kunsill qabel unanimament mar-rakkomandazzjoni tal-Kumitat li t-Tender tar-Roundabout tingħata lit-Twish. Dwar it-Tender tal-Photovoltaic System il-Kunsillier A. Cachia Castelletti talab li l-Inġinier jikkonferma bil-miktub il-kjarifika ta' Pantalesco. Is-Sindku ħadet l-inkarigu li titkellem ma' l-Inġinier dwar dan.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA

i Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti informa li hemm spuction tad-drenaġġ imkissra fuq il-bankina fi Triq Prinċipessa Eliżabetta li qiegħda ta' periklu. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li din trid tissewwa mis-sid pero' ħadet l-inkarigu li tieħu azzjoni biex jitneħħa l-periklu. Il-Kunsillier A Cachia Castelletti rrapporta wkoll li l-ewwel website tal-Kunsill għadha tidher fuq l-internet. Huwa qal wkoll li parti mill-bankina fejn hemm il-boundary wall qed iċċedi. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet l-inkarigu li tinforma lil Abakus Solutions dwar dan.

**Il-Laqgħa spiċċat fid-9.00pm. u sar aġġornament għal nhar it-Tlieta 23 ta' Marzu 2010 fil-5.30p.m.**

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv